MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 429/2002/1

**Charmaine Vella f'isimha proprju u f'isem il-minuri Katy u Paul Vella**

**vs**

**Joseph Vella**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 12 ta' April 2002 *a tergo* ta' fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibbli, u dan ghar-ragunijiet diga` migjuba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b'digriet tas-7 ta' Marzu, 2002, awtorizzat li tinbeda` s-separazzjoni;

Illi peress illi dawn ir-ragunijiet huma eccessi, sevizzji u ngurji gravi, *oltre* li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

Illi peress li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, Katy, li twieldet fid-29 ta' April, 1992, u Paul li twieled fid-9 ta' Settembru, 1993;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess retta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tikkomina kontra l-istess konvenut, il-provvedimenti ta' l-**artikoli 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili**;

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri, Katy u Paul, lill-attrici kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghalihom lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas ta' l-istess;

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghal kaz;

7. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 et seq. tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors (1) ta' l-attrici datat 4 ta' Settembru 2002 fejn l-attrici talbet li tigi allokata d-dar matrimonjali *pendente lite* u dan ad eskluzjoni ta' l-intimat. Rat ir-risposta ta' l-

intimat datata 26 ta' Settembru 2002; id-digriet ta' din il-Qorti datat 27 ta' Settembru 2002 a fol. 20 tal-process fejn l-attrici giet ordnata taderixxi ruhha mad-digrieti dwar nota guramenta u affadivits u ordnat in-notifika tac-citazzjoni attrici u cahdet it-talba b'dan li l-konvenut gie mistieden sabiex jikkomporta ruhhu sew u kif suppost u ma jaghmel xejn sabiex jirrendi s-sitwazzjoni tieghu, ta' l-attrici u ta' uliedu iktar gravi milli hi.

Rat il-verbal tat-8 ta' Ottubru, 2002 a fol. 22 tal-process fejn Dr. Edward Gatt ghall-konvenut, prezenti, ta' ruhu b'notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smigh tal-kawza; il-partijiet prezenti qablu li hemm qbil dwar il-kustodja tat-tfal u kellhom jillimitaw il-provi dwar il-manteniment u fuq id-dar konjugali. Inghata digriet ta' l-affidavits li kellu jigi limitat ghal dawn il-punti u nghata digriet ta' l-affidavits tal-partijiet.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fit-28 ta' Ottubru, 2002 u li tinsab a fol. 25 tal-process u li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:-

1. Illi hemm qbil illi din l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali ta' bejn il-kontendenti konjugi Vella;

2. Illi z-zwieg tal-konjugi Vella tkisser minhabba htijiet imputabbli lill-attrici u dan peress illi sabiex hija tkun tista` tkompli bil-hajja adultera taghha, telqet mid-dar konjugali u marret tghix ma' ommha bit-tfal b'kollox;

3. Illi ghalhekk ma' ghandhomx japplikaw il-proveddimenti ta' l-**artikoli 48, 50 u 55 tal-Kodici Civili**, liema provvedimenti *se mai* ghandhom japplikaw fil-konfront ta' l-attrici;

4. Illi l-eccipjenti huwa dispost li jhallas manteniment ghaz-zewg uliedu minuri, liema manteniment ghandu jkun a proporzjon ta' l-introjtu ta' l-eccipjenti u wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li qed iddahhal l-attrici minn l-impjieg *full time* taghha;

5. Illi ghalhekk isegwi illi gia la darba l-attrici ghandha u ilha ghal snin tahdem f’impjieg fiss, l-eccipjenti ma’ ghandux ihallas retta alimentari lill-attrici kif minnha mitlub fit-tieni talba tal-kawza odjerna;

6. Illi l-eccipjenti jaqbel li l-kura u l-kustodja tal-minuri tigi fdata lill-attrici, b’dana illi din l-Qorti ghandha tiffissa access versu l-esponent, liema access ghandu jispecifika il-granet u l-hinijiet li fihom l-esponent ikun jista jara u jqatta` hin ma’ uliedu;

7. Illi kwantu ghas-sitt talba, fil-kawza odjerna, l-eccipjenti jissottometti illi tali talba ma’ ghandhiex tigi milqugha, *stante* li kif inghad, kienet l-attrici li ghal ragunijiet li tafhom hi, telqet mid-dar matrimonjali u marret tabita ma’ ommha. Illi l-esponenti ma’ ghandux ebda akkomodazzjoni alternattiva minn dik tad-dar matrimonjali. L-esponenti huwa dispost li f’kaz li ma jigix ordnat il-bejgh tad-dar, jghix ma’ martu u uliedu fl-istess dar u dan kif addirittura huwa dejjem xtaq li jsir a skans tal-hafna problemi matrimonjali li nqalghu minhabba l-mara;

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu a fol. 27 u 28 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici pprezentat fl-4 ta’ Settembru, 2002 a fol. 11 tal-process li biha talbet li hija u uliedha minuri jibdew jghixu fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-konvenut.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Settembru, 2002 a fol. 13 tal-process u li permezz tieghu, l-Qorti ordnat qabel xejn in-notifika tar-rikors u ta’ dan id-digriet lill-konvenut li jkollu sebat (7) ijiem tax-xoghol ghat-twegiba, u tirrizerva li tipprovdi dwar it-talba ‘l quddiem.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-26 ta’ Settembru, 2002 a fol. 15 tal-process u li permezz taghha huwa talab li din it-talba tigi michuda.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Settembru, 2002 fejn il-Qorti fl-ewwl lok ordnat in-notifika immedjata tac-citazzjoni attrici, tenut kont tal-fatt li tali citazzjoni ilha li giet appuntata mis-16 ta’ April, 2002; u ordnat lill-attrici sabiex taderixxi ruhha mad-digriet ta’ l-affidavits hawn anness, b’dan li bil-procedura ta’ l-affidavits ghandha tigi uzata u applikata ghax-xhieda kollha minnha indikati producibbli bil-procedura ta’ l-affidavits, u li fl-affidavit taghha ghandha tindika l-pretensjonijiet taghha dwar: (1) ir-responsabbilta` tas-separazzjoni; (2) kura u kustodja u access tal-minuri mill-partijiet, proposti fejn hemm jew m’hemmx ftehim; (3) il-manteniment rikjest ibbazat fuq l-allegat introjtu tal-konvenut u/jew partijiet – jekk hemmx ftehim dwar l-istess; (4) konistenza tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’elenku u valuri, u pjan ta’ divizjoni u jekk hemmx xi forma ta’ qbil dwar l-istess proposti. Illi dwar il-mertu tar-rikors f’dan l-istadju tichad it-talba, b’dan pero’ li tistieden lill-konvenut sabiex jikkomporta ruhu sew u kif suppost, u ma jaghmlu xejn sabiex irendi s-sitwazzjoni tieghu, ta’ l-attrici u ta’ uliedu iktar gravi milli hi.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (2) pprezentat fl-20 ta’ Novembru, 2002 a fol. 31 tal-process fejn talbet illi hija tigi awtorizzata tipprezenta l-affidavit taghha u tax-xhieda Marise Anastasio u Karla Tabone *nee’* Stephens bil-lingwa Ingliza flimkien ma’ traduzzjoni ta’ l-istess bil-lingwa Maltija salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma sewwa u xierqa.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ Novembru, 2002 fejn il-Qorti laqghet t-talba.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (3) pprezentat fl-20 ta’ Jannar, 2003 a fol. 247 B tal-process fejn hija talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-konvenut jottempora ruhu mad-digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili Nru. 417/01 u ghalhekk biex ihallas nofs l-ammont ta’ l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni tal-minuri, Katy u Paul, illi sa issa ammontaw ghal nofs is-somma ta’ elf, mitejn u hames liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm1,205.78). Ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut huwa ta’ sitt mija u zewg liri Maltin u disa` u tmenin centezmu (Lm602.89) u fin-nuqqas illi l-

konvenut jersaq ghall-hlas ta’ din is-somma, illi din il-Qorti taghti l-ordni illi dan l-ammont jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-intimat mill-*employer* tieghu u tithallas direttament lir-rikorrenti, salv provvedimenti ohra li din il-Qorti jidhrilha li huma sewwa u xierqa.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Jannar, 2003 fejn il-Qorti ordnat in-notifika ta’ dan ir-rikors lill-kontro-parti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta’ Frar, 2003 a fol. 247 Z tal-process fejn talab illi r-rikors imsemmi jigi michud.

Rat in-nota ta’ l-attrici a fol. 247 EE ipprezentata fit-13 ta’ Frar, 2003 li permezz tal-gurament taghha kkonfermat illi l-ammont li kienet qeghda titlob lill-konvenut bhala spejjez ghall-edukazzjoni tal-minuri huwa ta’ ta’ sitt mija u zewg liri Maltin u disa` u tmenin centezmu (Lm602.89).

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Frar, 2003 (fol. 247 JJ) fejn il-Qorti f’dak l-istadju kkonfermat l-istess digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, datat 31 ta’ Jannar, 2002 b’dan li ordnat lill-konvenut *pendente lite* jhallas nofs l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni hemm indikati, u fil-kuntest tad-digriet odjern, is-somma ta’ sitt mija u zewg liri Maltin u disa` u tmenin centezmu (Lm602.89) u dan fi zmien tlett gimghat mill-lum, b’dan li jekk il-konvenut jibqa` inadempjenti, il-Qorti ordnat li wara tali termini l-istess ammont jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut bir-rata ta’ mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar sakemm jitnaqqas l-ammont ta’ sitt mija u zewg liri Maltin u disa` u tmenin centezmu (Lm602.89). Tordna wkoll lill-attrici sabiex fil-kaz ta’ spejjez ohra edukattivi mill-lum ‘il quddiem, tinforma lill-konvenut bihom bil-quddiem permezz ta’ ittra.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Jannar 2003 (fol. 250) fejn id-Difensuri qablu li z-zwieg tkisser irremedjabbilment, li manteniment ghall-partijiet mhux qed jintalab peress li t-tnejn jahdmu bil-qliegh, li mhux qed jippretendu li jirtu lil xulxin, u l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun f’idejn l-attrici.

Il-Qorti nnutat li hemm possibbilta' li l-partijiet jilhqu ftehim ghal separazzjoni bonarja, tant li dak li baqa' jigi deciz kien biss il-manteniment ta' l-ulied u l-qsim tal-komunjoni. *In vista* ta' dan, il-konvenut irrinunzja ghax-xhieda ta' Spiridione Stafrace, Mary Azzopardi u Tony Azzopardi. Xehdu Carmelo Caruana u Diane Attard, Marise Azzopardi u l-konvenut, Joseph Vella in, subizzjoni. Il-Qorti ordnat li l-attrici tesebixxi dokumenti dwar id-depoziti bankarji li ghandha fil-BOV Balluta u f'Barclays barra minn Malta u l-konvenut jesebixxi d-dettalji tal-polza ta' assigurazzjoni fuq il-hajja li huwa jsostni li hija parafernali.

Rat in-nota attrici datata 5 ta' Frar 2003 fejn esebiet dokumenti dwar id-depoziti bankarji hemm indikati a fol. 301 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Marzu 2003 fejn id-Difensuri tal-partijiet talbu differiment sabiex jittransigu l-kawza.

Rat ir-rikors tal-konvenut (1) ipprezentat fl-10 ta' April, 2003 a fol. 320 tal-process u li permezz tieghu talab illi l-intimata (l-attrici odjerna) tigi ordnata tibdel l-iskola tal-minuri u dan peress li l-esponenti (il-konvenut odjern) qatt ma kien involut fil-ghazla ta' din l-iskola partikolari *stante* li ma' jiflahx ihallas il-mizata jew fin-nuqqas, kemm-il darba l-intimata tinsisti li dik tibqa` l-iskola tal-minuri, li hija thallas l-ispejjez wahedha.

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' April, 2003 fejn il-Qorti ordnat n-notifika ta' dan ir-rikors lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-attrici ipprezentata fil-25 ta' April, 2003 a fol. 368 tal-process u li permezz taghha hija talbet li 'l fuq imsemmi rikors jigi michud.

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' April, 2003 fejn il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenut u dan fl-interess ta' l-istess minuri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Mejju 2003 fejn id-Difensuri tal-partijiet iddikjaraw li l-partijiet ma ttransigewx fuq id-dar matrimonjali u talbu li jaghmlu nota u l-Qorti laqghet it-talba b’dan li l-partijiet jaghmlu riferenza specifika ghall-voum ta’ provi u dokumenti pprezentati b’terminu ta’ erbghin (40) jum kull wiehed.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attrici datata 27 ta’ Gunju 2003 a fol. 374 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut (2) ipprezentat fl-1 ta’ Lulju, 2003 a fol. 383 tal-process u li permezz tieghu talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili datat 31 ta’ Jannar 2002 b’mod illi l-manteniment jigi ridott sabiex jirrispekkja aktar is-sitwazzjoni finanzjarja kif inhi llum.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta’ Lulju, 2003 fejn din il-Qorti ordnat n-notifika ta’ dan ir-rikors lill-kontroparti b’jumejn zmien ghar-risposta guramentata inkluz dwar kull introjtu u impjieg taghha.

Rat ir-risposta ta’ l-attrici ipprezentata fit-12 ta’ Awissu, 2003 a fol. 389 tal-process u li permezz taghha hija talbet li t-talba tal-konvenut tigi michuda.
Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Awissu, 2003 li permezz tieghu din il-Qorti cahdet it-talba kif proposta f’dan l-istadju.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici (4) fit-12 ta’ Awissu, 2003 u li permezz tieghu hija talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-konvenut jiffirma l-karti necessarji sabiex tigi regolarizzata is-sitwazzjoni tal-minuri u b’hekk jinghataw *dual citizenship*, salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma sewwa u xierqa.

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Awissu, 2003 fejn din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b’jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenutipprezentata fl-1 ta' Settembru, 2003 u li permezz taghha talab lil din il-Qorti sabiex hija tichad it-talba attrici.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Settembru, 2003 u li permezz taghha l-Qorti ordnat lill-attrici sabiex b'nota fi zmien hamest ijiem mill-lum tindika taht liema bazi saret din it-talba *pendente lite*.

Rat in-nota ta' l-attrici ipprezentata fit-23 ta' Settembru, 2003.

Illi dwar dan ir-rikors il-Qorti ser tipprovdi aktar tard f'din is-sentenza.

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici (5) fit-30 ta' Jannar, 2004 u li permezz tieghu talbet illi l-konvenut jigi ordnat ihallas is-somma ta' erbgha mija u disa` liri Maltin u hamsin centezmu (Lm409.50) li hu s-sehem tieghu mill-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri, Katy u Paul, u li fin-nuqqas jinghataw l-ordnijiet necessarji sabiex dan l-ammont jinqata` direttament mill-paga tal-konvenut, salv il-provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma sewwa u xierqa.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Frar, 2004 fejn il-Qorti laqghet it-talba kif dedotta, b'dan li taghti terminu ta' sebat (7) ijiem min-notifika mill-attrici ta' dan id-digriet lill-konvenut sabiex ihallas l-istess ammont, u fin-nuqqas, l-istess ammont ghandu jitnaqqas mill-paga ta' l-intimat, u ghal dan l-iskop tordna n-notifika ta' dan id-digriet a spejjez attrici lill-konvenut u lill-*employer* tal-konvenut.

Rat ir-rikors tal-konvenut (4) ipprezentat fl-24 ta' Frar, 2004 u li fih talab illi huwa (1) ma jibqax ordnat ihallas spejjez edukattivi minghajr ma jkun hemm qbil bil-miktub bejn il-partijiet, il-konjugi Vella; (2) f'kaz li din it-talba ma tigix milqugha f'dan l-istadju, li l-Qorti tiehu konjizzjoni tat-talba u tas-sitwazzjoni fid-decizjoni finali li ghandha tinghata fis-27 ta' Mejju, 2004 (3) salv kull provvediment iehor li din l-Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Frar, 2004 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta ta' l-attrici opprezentata fl-4 ta' Marzu, 2004 u li permezz taghha hija talbet li t-talba tal-konvenut tigi michuda.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2004 fejn din il-Qorti fic-cirkostanzi odjerni u dejjem *pendente lite*, cahdet it-talba tal-konvenut ghall-varjazzjoni ta' l-istess digriet.

Rat ir-rikors ta' l-attrici (6) pprezentat fl-10 ta' Marzu, 2004 u li permezz tieghu hija talbet lil Qorti sabiex tordna lill-konvenut jhallas is-somma ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u seba` u tletin centezmu (Lm236.37), li hu s-sehem tieghu mill-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri, Katy u Paul, u dan kif jirrizulta mid-dokumenti hawn annessi u li fin-nuqqas jinghataw l-ordnijiet necessarji sabiex dan l-ammont jinqata` direttament mill-paga tal-konvenut u jithallas direttament lir-rikorrenti, salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huwa sewwa u xierqa.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Marzu, 2004 fejn din il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'jumejn zmien ghar-risposta.

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' April, 2004 fejn din il-Qorti wara li rat li ma saritx risposta laqghet it-talba u ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici l-istess ammont ta' mitejn u sitta u tletin lira Maltija u seba` u tletin centezmu (Lm236.37) u dan l-ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u ghalhekk tordna lill-attrici sabiex tinnotifika dan id-digriet lill-*employer* tal-konvenut sabiex jaderixxi ruhu ma' l-istess.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2003 fejn id-Difensuri nformaw lill-Qorti li kien sar konvenju ma' terzi dwar id-dar matrimonjali u r-rikavat kellu jinqasam bejn iz-zewg partijiet u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici (7) datat 11 ta’ Mejju 2004 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut ihallas mitejn u tlieta u tletin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm233.71) li hu sehemu mill-ispejjez edukattivi tal-minuri; dan ir-rikors ser jigi degretat f’din is-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni u li permezz taghha l-attrici qeghda titlob li hija tissepara minn ma’ zewgha l-konvenut minhabba eccessi, sevizzji u ngurji gravi, *oltre* li z-zwieg tkisser irremidjabbilment. Minn naha l-ohra l-konvenut jghid illi dan iz-zwieg tkisser minhabba htijiet imputabbli lill-attrici u dan peress illi sabiex hija tkun tista` tkompli bil-hajja adultera taghha, telqet mid-dar konjugali u marret tghix ma’ ommha bit-tfal b’kollox.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha a fol. 36 tal-process tghid illi “*throughout all our married life, Joe adopted an attitude of superiority towards me, treating me in a condescending manner without taking my feelings and opinions into consideration. In spite of the fact that Joe always had well paid full time jobs and has always worked part time and done private work as well, he was always very stingy and expected me to render an account of every cent I spent. He always expected my mother to provide for my every need and for the needs of our children, almost as though it were her duty to do so. Arguments concerning financial issues on occasions also led to Joe threating me and using disparaging comments towards me*”.

Illi l-attrici tkompli tghid illi wara li hija harget tqila, hija kellha tieqaf tahdem u wara hafna nsistenza da parti

taghha, l-konvenut beda` jaghtiha s-somma ta' tletin lira Maltin (Lm30) fil-gimgha. Hija tghid illi dak iz-zmien, dak l-ammont kien bizzejjed ghalihom it-tnejn. Wara t-twelid ta' l-ewwel wild taghhom u cjoe` ta' Katy, fid-29 ta' April, 2002, dan l-ammont ta' flus ma kienx qieghed iservi u allura l-attrici tghid illi hija talbet lill-konvenut sabiex izid dan l-ammont. Di fatti hija tghid illi "*I could no longer stretch this amount to cover all the necessary expenses and purchases. Joe's response to my requests was both physically and verbally violent and abusive* ".

Illi l-attrici tghid illi l-konvenut kien jghidilha sabiex tghid lill-ommha halli tkun tista` tixtrilha l-bzonnijiet li kien ikollha. Tghid di fatti l-attrici illi "*he told me to ask my mother to buy whatever we needed, and also for me to go back to live with her. That time I did in actual fact leave him and went to live with my mother. Joe paid me several visits asking me to go back. Meanwhile both my mother and sister took it upon themselves to ensure that both the baby and I had everything that we needed in the way of cots, prams, clothes and other relevant items as Joe refused to buy any of these necessities for the baby*".

Illi l-attrici tghid ukoll illi l-konvenut kien jaccetta l-fatt illi l-famija taghha kienet tghinhom finanzjarjament. Tghid anzi li din kienet haga li kien jippretendi li issir. In sostenn ta' dan hija tghid illi "*Any time that I asked him for anything, his immediate response was for me to ask my mother for it*". Wara xi zmien, il-kontendenti xtraw dar gewwa n-Naxxar, li bieghu u sussegwentement regghu xtraw dar ohra. Wara li tlestiet din it-tieni dar, it-tfal tal-kontendenti bdew jmorru fi *playschool* u ghalhekk l-attrici setghet tibda` tahdem *part-time.* Hija tghid illi fil-fatt bdiet tippercepixxi l-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25) fil-gimgha. Tghid ukoll l-attrici illi l-konvenut beda` jahdem *full-time* mas-San Pawl Hotel u "*together with overtime and his private work he would be out everyday from morning to night. Income from his work was never used to benefit the children or myself. I was still relying on my family to provide for such things as education, medical insurance, clothes, furniture, cable television, books, toys etc.*".

Illi l-attrici tkompli tghid ukoll illi "*Joe became increasingly obsessed with money over the years, and he refused to share his income or belongings with the children or me. Whilst I was spending all my wages in an attempt to improve the standard of living of my family, Joe was very stingy with us and limited himself to giving me hardly the bare necessities, mainly being food, expecting my family to contribute to anything else that we needed*".

Illi l-attrici tixhed ukoll illi fil-5 ta' April, 1994, huma kienu ffirmaw skrittura privata quddiem in-Nutar Henry J. Vassallo u li permezz taghha ommha kienet tathom b'titolu ta' self is-somma ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000).

Illi dwar l-abbuz li l-attrici tghid u tallega li kienet tircievi minghand il-konvenut, hija issemmi kaz fejn "*on one occasion he himself called a Doctor in to see me after he had thrown me to the floor, jumped on top of me and banged my head against the tiles. The only thing that I had done on this occasion was to ask him for some money to buy clothes for the baby*".

Illi meta zzewgu, l-kontendenti marru jabitaw f'appartament gewwa r-Rabat b'titolu ta' kera. Meta gew biex telqu minn hemm, sid il-kera kien talab lill-konvenut sabiex jirranga l-bibien kollha ta' dan l-appartament u dan peress illi "*each and every one of them was damaged by his violent behaviour*". L-attrici ukoll issemmi okkazzjoni – meta t-tifel taghhom kien marid – fejn il-konvenut ta' daqqa ta' ponn lill-attrici.

Illi xehdet ukoll omm l-attrici, **Marise Anastasio,** li ukoll tikkonferma illi l-konvenut ma tantx kien jonfoq flus ghal bzonnijiet ta' martu u ta' uliedu. Fil-fatt hija tghid illi "*help from my side started a few months into the marriage when Mindy, as that is how we call Charmaine, got pregnant within the first month of the marriage. An argument had developed between her and her husband Joe as a result of her asking him for money for some maternity wear. It upset me to see her so saddened during her pregnancy*

*so I made sure that she had what was needed, more so as her pregnancy andvanced and things were also required for the coming baby as the pram, cot blanket, baby bath, nappy changer, towels and clothes for the baby. The same thing happened to a lesser degree for the birth of her second child a year and five months later. In fact I then gave them a twin pram, two baby chairs and a car seat*". Din ix-xhud tghid ukoll illi "*I also helped Mindy by providing adequate underwear, nightwear, dressing gowns, bedroom slippers, and all their children's educational needs and transport expenses*".

Illi l-istess xhud tikkonferma li hija kienet tat b'titolu ta' self is-somma ta' tnax-il elf lira Maltija (Lm12,000) lill-kontendenti f'din il-kawza. Tghid ukoll illi hija kienet tqabbad lill-konvenut sabiex jaghmel xi xogholijiet id-dar taghha, kif ukoll fl-iskola taghha. Hija tghid illi "*this had amounted to large sums of money over the years as his charges were far from competitive, but there was always the hope that at least part of the monies might benefit the family"*. Ix-xhud tghid ukoll illi bejn is-16 ta' Jannar, 1996 u l-1 ta' April, 2002 hija hallset l-ispejjez kollha fir-rigward tal-*cable television* u di fatti kellha *standing order* mal-*Melita Cable* halli thallas dawn il-kontijiet u dan "*to enable my grandchildren to watch various programmes*". Omm il-konvenuta ukoll ilha thallas l-*BUPA Health Insurance* ghall-attrici u ghal uliedha sa mis-sena, elf, disa` mija u seba` u disghin, (1997). Din ix-xhud tikkonferma l-fatt illi bintha, l-attrici, tahdem maghha fl-iskola Bambi.

Illi xehdet ukoll oht l-attrici, **Karla Tabone nee' Stephens** li tghid ukoll illi:-

"*I in turn have always supported her and the children financially in the absence of such support from her husband Joseph Vella*". Tghid ukoll illi "*Joe refused to spend his money and always expected my mother and myself to provide for Mindy's needs and that of the children*". Izid tghid illi "*Over the past ten years or so I have not only clothed both her children but also bought them things such as bikes, scooters, toys, books, school bags etc., in fact whatever they have needed, apart from*

*food and medicines, has been bought by myself. I have also helped them in the house with such things as soft furnishings, special hypoallergenic bedding and small items of furniture and decor*".

Illi xehed il-**konvenut** permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Huwa jghid illi l-attrici dejjem kienet dominata minn ommha. Huwa jghid ukoll illi l-attrici kienet ta' spiss tgorr minhabba l-attegjament li ommha kienet tiehu fil-konfront taghha. Il-konvenut jghid illi bhala zewg l-attrici, huwa kien jaghti ragun lill-istess attrici u meta saret taf ommha b'dan il-fatt huwa beda` jidher ta' xkiel ghall-istess Marise (omm l-attrici). Di fatti jghid illi "*Hemmhekk jien bdejt nidher ta' xkiel ghal Marise u ta' spiss Mindy kienet tghidli li kellha xi argument ma' ommha, infatti kien hemm zmien li Mindy lanqas kienet tkellem lil ommha*". Wara z-zwieg dan ix-xhud jghid illi "*mill-ewwel gimgha wara z-zwieg jien kont naghti lil Mindy tletin lira Maltija (Lm30) fil-gimgha, dak iz-zmien kont nahdem ma' l-'Associated Supplies Ltd' bil-paga ta' sittin lira Maltija (Lm60) fil-gimgha qabel it-tnaqqis, jien kont inhallas ukoll il-kontijiet kollha, bhal tad-dawl u ilma, telephone, licenzji tal-karozzi, licenzji tat-television, kera tal-flat, manutenzjoni, hrug tal-familja etc. Hawn il-flus ma bdewx iservuni u kelli nahdem izjed*". Xi zmien wara z-zwieg l-attrici harget tqila.

Illi l-konvenut jghid illi hija "*bdiet txitri hafna affarijiet u riedet il-flus ghall-petrol. Bdiet tistaqsini ghal izjed flus u jien kont nghidilha li nixtieq naghtiha izda ma stajtx ghax ma kellix. Hawn bdew l-insulti. Wara li twieldet Katy fid-29 ta' April, 1992, l-ispejjez komplew jixdiedu: nappies, medicini, tobba, hwejjeg etc. Jien komplejt nahdem izjed, Mindy kienet talbitni biex nsaqsi l-ohti Cynthia jekk setghetx tisilfilna l-pram, u din hekk ghamlet. Bdejt naghti lil Mindy hamsa u tletin lira Maltija (Lm35) fil-gimgha, fid-9 ta' Settembru, 1993 twieled Paul u l-ispejjez komplew jizdiedu*".

Illi l-konvenut itenni ghal izjed minn darba, fl-affidavit tieghu, illi l-problemi ta' bejniethom kienu minhabba l-fatt illi l-attrici dejjem kienet titolbu izjed flus, izda peress illi

huwa ma kellux minn fejn jaghtiha huwa ma setax jikkuntentaha.

Illi xi zmien wara li twieldet it-tieni tarbija, l-kontendenti ddecidew li jixtru post ikbar. Il-konvenut kien informa lill-attrici illi huwa ma kellux bizzejjed flus biex jixtri post ikbar. Kien minhabba f'hekk illi "*Mindy kienet kellmet lil ommha u din qablet li tghinna*". Il-konvenut xehed illi huwa ghamel hafna xogholijiet ta' miljoramenti f'dan il-post u cjoe` fid-dar bin-numru 104, Main Street, Naxxar.

Illi l-konvenut jghid ukoll illi "*omm Mindy kienet xtrat lil Mindy membership card ghall-Holiday Inn swimming pool, kif kienet ghamlet qabel lil binha Anthony u lill-mara tieghu, Yvonne. Kienet anka dahhlet lil Mindy fil-Bupa Health Scheme u aktar tard lit-tfal taghna, Katy u Paul, izda qatt lili. Hawnhekk dahlet id-diskriminazzjoni bejni u bejn Mindy. Kienet anke zzomm lit-tfal taghna jorqdu ghandha xi tlett darbiet fil-gimgha. Jien ma hadt gost xejn li ma narax lit-tfal u kont nghid lil Mindy b'dan, izda ommha kompliet tippersisti*". Jghid ukoll illi "*Mindy kompliet tistaqsini ghal izjed flus u jien kont bdejt naghtiha erbghin lira Maltija (Lm40) fil-gimgha. Dejjem kienet tghajjarni xhih u tinsulentani. Wara li t-tfal bdew imorru l-iskola ta' ommha, Mindy bdiet tahdem ma' ommha. Hawnhekk l-argumenti aktar zdiedu. Darba minnhom tant kienet aggressiva li tatni daqqa ta' sieq fil-qasba ta' sieqi. Jien iddifendejt ruhi u imbuttajtha u hi waqghet ma' l-art. Wara tant iddispjacieni li cempilt lit-Tabib Dr. Daniel Micallef jiena stess*".

Illi l-konvenut jispjega illi wara li kienu bieghu l-fond taghhom f'Main Street gewwa n-Naxxar, huma kienu akkwistaw fond iehor u cjoe` "Crowborough", numru 7, f'Buzjett Street, ukoll gewwa n-Naxxar. Il-konvenut jispjega illi huwa ghamel hafna xoghol f'dan il-post. Ghamel "*l-istallazzjoni tad-dawl u ilma kollu, kamra tal-banju gdida inkluz il-madum, madum ta' l-art fil-kamra tas-sodda, bibien godda, tikhil u zebgha kullimkien, ballavostri fit-terazzin, kcina gdida ta' l-oak, insect screens, purtieri, dekorazzjoni etc*".

Illi l-konvenut jghid illi "*wara dan ix-xoghol kollu Mindy xorta wahda b'nuqqas ta' mhabba u rispett fl-opinjoni tieghi kompliet tinsisti ghal aktar flus, u minn naha taghha ghalkemm kienet tahdem, ftit li xejn ghenet finanzjarjament, u dan kollu kien izid l-argumenti bejnietna. Kemm il-darba ghidtilha biex nikxfu l-karti ta' l-income u l-expenditure izda hi qatt ma uriet interess*".

Illi dwar il-flus u l-ghajnuna li omm l-attrici kienet taghti lill-kontendenti, l-konvenut jghid illi "*li l-ghajnuna li nghatat lilna minn Marise kienet min jeddha u mhux ghax tlabtha jien, apparti ghall-post. Dan ghamlitu ghax kienet taf li kellna nuqqas ta' flus*".

Illi dwar omm l-attrici, l-konvenut jghid illi "*Mark Stephens li jigi hu Mindy ukoll huwa sseparat minn mal-mara tieghu Mandy, jien ghandi dokument f'idi li juri kif, biex jinganna lil ex mara tieghu, dawwar fuq isem ommu, Marise, eluf ta' liri, li minn naha taghha kienet komplici allavolja kienet taf li kienu ser ibaghtu t-tfal taghhom u dan qed nghidu biex nuri l-veru karattru ta' omm Mindy.*" Jghid ukoll l-istess konvenut illi "*minn naha l-ohra, Karla Tabone, hija mizzewga neguzjant kbir, u ghalhekk problemi ta' finanzi ma ghandhiex. Omm Mindy, Marise, ukoll ghandha zewgt iskejjel, wahda 'Bambi Play School' u l-ohra 'ALB'. Dan qieghed insemmieh ghax l-ambjent li ghexet fih Mindy huwa wiehed komdu, fejn il-flus ma humiex problema, u fl-opinjoni tieghi dan kien kontribut kbir ghat-tkissir taz-zwieg taghna. Mindy bdiet tipparaguna l-hajja lussuza li kienet tghix fiha qabel ma' dik li kienet tghix mieghi*".

Illi meta l-konvenut gie mistoqsi mill-Qorti jekk huwa jaghmilx xoghol barrani, apparti dak li (kien) jahdem mal-Hotel San Pawl, huwa jghid illi "*mhux ha nghid ma naghmilx imma rarissimu*". Meta gie mistoqsi jekk ghamilx xi xoghol privat lid-Diretturi tal-lukanda fejn kien jahdem dan ix-xhud jwiegeb fl-affermattiv. Xehed ukoll illi ghamel diversi bicciet xoghol ohra privatament lil diversi nies u stabbilimenti. Jghid ukoll illi dan ix-xoghol kollu *extra* li kien jaghmel, minn meta bdiet is-separazzjoni 'l hawn waqaf milli jkompli jaghmlu u dan ghaliex fi kliemu stess "*issa irrid naghmel ix-xoghol tad-dar kollu; irrid immur*

*nixtri, nahsel, nahsel il-hwejjeg, insajjar, kollox jiena irrid naghmel*” u “*x-xoghol li kien isir mill-mara irrid naghmlu jien issa*”.

Illi xehdu ukoll Cynthia u Edward, konjugi Tonna. Huma jghidu illi kienu silfu diversi oggetti relatati mat-tfal lill-kontendenti f’din il-kawza, bhal per ezempju *pram, puschair, walking chair* u hwejjeg ohra.

Illi **Cynthia Tonna** tghid illi “*Mindy ghamlet habta ccempel lil Cynthia halli zzommilha lit-tfal, jew biex tmur ghand il-hairdresser, jew biex tmur ghand ommha, jew haga jew ohra. Meta din kienet issir ta’ spiss jien ma tantx kont niehu gost, u Edward kemm-il darba qalli biex nghidilha imma jien kont nisthi. Gieli sibtilha xi skuza u ma baqghetx thallihom mieghi. Kienet qaltli li t-tfal thallihom man-neighbour li toqghod quddiemha. Gieli ukoll qaltilna li wahda li kienet toqghod bieb ma’ bieb maghhom fil-flat, kienet tghidilha li sejra tixtri, biex tittawwal lit-tfal*”. Dawn ix-xhieda jghidu illi l-attrici kienet tghidilhom illi “*Joe is a good father and a good husband, he works hard. Kienet ukoll tghidilna li hu ihallas il-kontijiet kollha, dawl u ilma, kera, licenzja tat-tv, telephone, medicini, etc, u hi kienet tiehu hsieb il-hajja mill-flus li kien jaghtiha. Anke kienet tghidilna li ommha taghtiha xi flus ghax kienet tmur tghinha l-iskola. Ma nistghux nemmnu kif issa Joe m’ghadux a good father u good husband*”.

Illi fis-seduta mizmuma fid-29 ta’ Jannar, 2003 xehed Carmelo Cremona u qal illi l-konvenut jahdem bhala *maintenance supervisor* u fis-sena 2002 ippercepixxa l-ammont ta’ elf, hames mija u wiehed u tmenin lira Maltija (Lm1,581) minn *overtime* biss. Il-konvenut kien (ghax effettivament huwa ma baqax jahdem fejn kien qabel u cjoe` fil-Hotel San Pawl) jaqla` s-somma ta’ sitta u tmenin lira Maltija (Lm86) fil-gimgha bhala paga.

Illi xehdet ukoll Dianne Attard, rapprezentanta ta’ l-HSBC plc li qalet illi l-konvenut kellu tlett kontijiet tal-bank. Wiehed *fixed* li inghalaq fis-sena, elf, disa` mija u sitta u disghin (1996) u li kien fih elfejn u mitt lira Maltija (Lm2,100), iehor *current* li fih erba` mija u tlieta u erbghin

lira Maltija u seba` u disghin centezmu (Lm443.97) u iehor *savings* li fih tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u erba` u disghin centezmu (Lm325.94). Dawn l-ammonti huma sad-data meta tat ix-xhieda taghha l-istess, Dianne Attard, u cjoe` sad-29 ta' Jannar, 2003.

Illi xehdet ukoll **Marise Anastasio**, omm l-attrici li qalet illi bintha kienet tahdem *part-time* maghha fl-iskola taghha. Hija tghid illi l-attrici, peress illi hija *part-timer*, ma tahdimx is-sena kollha u tieqaf fix-xhur ta' Lulju, Awissu u Settembru. B'hekk f'dawn it-tlett (3) xhur hija ma tippercepixxi l-ebda introjtu. Fir-rigward tax-xhur l-ohra, din ix-xhud tghid illi bintha tircievi s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225) fix-xahar. Mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar mill-iskola *Bambi* u mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm125) fix-xahar mill-*ALB.* Din ix-xhud xehdet ukoll illi bintha l-attrici ma tistax tahdem *full-time* ghanx ghandha t-tfal, u cjoe` ghax tiehu hsiebhom. Il-*part-time* taghha jikkonsisti f'xi saghtejn u nofs jew tlett sieghat xoghol kuljum ma' l-iskejjel hawn fuq indikati. Tghid ukoll illi gieli ghamlet xi xoghol *extra* ghall-iskola u "*that was declared as an extra forty pounds a month extra pay for bus supervision in the afternoons*".

Illi mid-dokumenti esebiti jirrizulta is-segwenti:

**a) <u>Introjtu tal-partijiet</u>.**

Illi l-attrici tippercepixxi s-somma ta' mitjen u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225) fix-xahar u dan skond ma xehdet ommha, Marise Anastasio. Dan l-ammont l-attrici tircevih ghal disa' xhur biss fis-sena *stante* li hija tahdem *part-time* fl-iskejjel appartenenti lil ommha. *Oltre* dan, l-istess attrici tircievi s-somma ta' erbghin lira Maltija (Lm40) fix-xahar ohra ta' xoghol *extra* li hija taghmel ma' l-istess skola, kif ukoll tircievi c-*children's allowance*.

Illi l-konvenut jippercepixxi s-somma ta' tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm366.76) fix-xahar u dan skond ma indika huwa stess fir-rikors minnu ipprezentat fl-24 ta' Frar, 2004. Dan l-ammont huwa fir-rigward ta' l-impjieg il-gdid li ghandu l-konvenut

mas-*Sea Bank Hotel*. *Oltre* dan jirrizulta ippruvat illi l-konvenut kapaci jaghmel xoghol iehor barrani, wara l-hin tax-xoghol ghalkemm huwa stqarr fix-xhieda tieghu illi minn meta bdiet is-separazzjoni ‘l hawn huwa waqaf milli jkompli jaghmlu u dan ghaliex fi kliemu stess “*issa irrid naghmel ix-xoghol tad-dar kollu; irrid immur nixtri, nahsel, nahsel il-hwejjeg, insajjar, kollox jiena irrid naghmel*” u “*x-xoghol li kien isir mill-mara irrid naghmlu jien issa*”.

Illi l-konvenut kien gie ordnat ihallas manteniment fl-ammont ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) fix-xahar liema ordni saret permezz tad-digriet mahrug mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Jannar, 2002. Dan l-ammont ta’ manteniment kellu jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-intimat, mill-*employer* tieghu u jithallas direttament lir-rikorrenti (l-attrici). *Inoltre*, l-intimat (il-konvenut) gie ordnat ukoll jhallas ukoll nofs l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni tal-minuri.

It-tfal minuri u cjoe` Katy u Paul, illum-il gurnata ghandhom tnax (12) u kwazi hdax (11)-il sena rispettivament.

**b) <u>Kontijiet Bankarji</u>.**

Illi l-attrici esebiet is-segwenti rendikonti ta’ kontijiet bankarji fuq isimha:

a) *statement* ta’ kont bankarju li sal-31 ta’ Dicembru, 2002 kien hemm bilanc ta’ sitt liri Maltin u tlett centezmi (Lm6.03c) (Kont numru 11807057025);

b) *statement* ta’ kont bankarju li sad-29 ta’ Jannar, 2003 kien hemm bilanc ta’ hames mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u hamsin centezmu (Lm588.51) (Kont numru 11807057012);

c) *statement* ta’ kont bankarju esteru li sas-27 ta’ Dicembru, 2002 kien hemm bilanc ta’ mija u disa` u tletin lira Sterlina u tnejn u sittin centezmu (£139.62) liri Sterlini (Kont numru 80379387 mizmum mal-Barclays);

d) Skond ma xehdet Dianne Attard, rapprezentanta ta' l-HSBC plc fuq isem il-konvenut hemm zewg kontijiet bankarji. Wiehed kurrenti li fih bilanc ta' erbgha mija u tlieta u erbghin lira Maltija u seba` u disghin centezmu (Lm443.97) u iehor *savings* li fih bilanc ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u erba` u disghin centezmu (Lm325.94). Dawn l-ammonti huma sad-data meta tat ix-xhieda taghha l-istess Dianne Attard u cjoe` sad-29 ta' Jannar, 2003.

Il-konvenut jaqbel illi kull wiehed u wahda mill-kontendenti ghandhom izommu l-kontijiet bankarji li hemm ezistenti fuq isimhom. Filwaqt illi f'dan ir-rigward l-attrici tghid illi l-kontijiet bankarji li hemm fuq isimha ghandhom jibqghu f'isimha u l-kontijiet bankarji tat-tfal ghandhom jibqu tat-tfal. Ma ssemmi xejn x'ghandu jsir mill-kontijiet bankarji li hemm fuq isem il-konvenut.

Illi l-attrici esebiet ukoll s-segwenti rendikonti ta' kontijiet bankarji li ghalkemm huma fuq isimha huma intestati b'isem iz-zewgt itfal minuri taghhom.

a) *statement* ta' kont bankarju li sa l-4 ta' Jannar, 2003 kien hemm bilanc ta' disgha mija u tmienja u sebghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm978.42) (Kont numru 11807057054). Dan il-kont huwa intestat bhala a/c Paul;

b) *statement* ta' kont bankarju li sal-4 ta' Jannar, 2003 kien hemm bilanc ta' elf u sittax-il lira Maltija u tlieta u sebghin centezmu (Lm1,016.73) (Kont numru 11807057041). Dan il-kont huwa intestat bhala a/c Katy;

**<u>c) Proprjeta Immobiljari:</u>**

a. Id-dar matrimonjali "Crowborough", Buzjett Street, Naxxar li fil-mori tal-kawza sar konvenju fuqha ma' terzi u skond verbal datat 14 ta' Ottubru 2003 il-partijiet qablu li r-rikavat jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

b. Kamra mikrija f'Had-Dingli. Dwar din il-kamra l-konvenut jghid illi din ilha mikrija lill-familja tieghu minn zmien in-nanniet;

c. Garaxx mikri gewwa n-Naxxar;

**d) <u>Proprjeta` Mobbiljari</u>.**

<u>Oggetti Parafernali tal-konvenut</u>:

*a. Wall Unit;*
*b. Large Television Set;*
*c. Music and Video System;*
*d. Washing Machine;*
*e. Freezer;*
*f. Fridge;*
*g. Kitchen Table and Chairs;*

L-attrici fl-affidavit taghha, tghid illi dawn l-affarijiet ghandhom jinghataw lill-konvenut.

e) <u>Rigali taz-zwieg</u>:

a. *Coffee Machine*;
b. *Bread Slicer*;
c. *Pictures with pink frames*;
d. *Shopping trolley*;
e. *Picnic Cooler*;
f. Oggetti hekk imsejha *China Ornaments*;
g. Oggetti tal-Kristall;

L-attrici fl-affidavit taghha ukoll tghid illi dawn l-affarijiet ghandhom jinghataw lill-konvenut.

f) <u>Oggetti Parafernali ta' l-attrici</u>

a. *Duverts, sheets and towels*;
b. *Wall pictures*;
c. *Various ornaments*;
d. Affarijiet tal-fidda li inghataw lill-attrici min meta kienet ghadha zghira;
e. *Hoover*;

f. *All necessary items for kitchen*;
g. *Large Radio Cassette*;

L-attrici, fl-affidavit taghha titlob illi dawn l-affarijiet jinghataw lilha.

g) <u>Oggetti moghtija mill-familja ta' l-attrici lill-istess attrici</u>

a. *Two wrought iron flower stands*;
b. *Two leather sofas given to me by my mother*;
c. *Curtains and cushions for the house*;
d. *Microwave*;
e. *Telephone table and mirror*;
f. *Marble coffee table*;
g. *Silver dressing table mirror given to me by my mother for my 40th Birthday*;
h. *Christmas Tree and decorations*;

L-attrici, fl-affidavit taghha titlob illi anke dawn l-affarijiet jinghataw lilha.

h) <u>Rigali taz-zwieg moghtija mill-familja ta' l-attrici</u>

a. *Silver teapot, sugar bowl and milk jug – this set is of great sentimental value to me as it was given to me by my father*;
b. *Large wedding photo frame*;
c. *4 small silver frames*;
d. *2 small silver knives*;
e. *silver cake knife*;
f. *Large silver clock and barometer*;
g. *Small silver clock*;
h. *Ornamental plates*;
i. *Complete dinner service given to me by my stepfather*;
j. *Dishwasher (a gift given to me by my mother)*;
k. *Many presents still in boxes and locked up by Joe in his garage*;
l. *Money gifts which were used on our honeymoon*;

Illi l-attrici, fl-affidavit taghha titlob illi dawn l-affarijiet ukoll jinghataw lilha *stante* l-valur sentimentali taghhom.

i) <u>Oggetti appartenenti lill-minuri ahwa Vella</u>

Illi l-attrici, fl-affidavit taghha qed titlob lill-Qorti sabiex l-oggetti kollha appartenenti lill-minuri jinghataw lilhom. Fost dawn l-affarijiet hemm il-kamra tas-sodda taghhom kompluta, *television* zghir u *playstation*.

j) <u>Oggetti li inxtraw waqt iz-zwieg</u>

a. *Electric Heater and 3 fans* – L-attrici tixtieq li hija tiehu dawn l-oggetti;
b. *Second Hand bedroom (Double)* - L-attrici tixtieq li hija tiehu dawn l-oggetti;
c. *Kitchen curtain and rail* - L-attrici tixtieq li hija tiehu dawn l-oggetti;
d. *Three wall photos* – L-attrici tixtieq li hija tiehu dawn l-oggetti;
e. *Fitted kitchen with appliances, which will be sold with the maisonette*;
f. *Two air-conditioning units* – L-attrici tghid li dawn jistghu jinzammu mill-konvenut;
g. Oggetti ohra in konnessjoni max-xoghol tal-konvenut bhal ghodda, materjal, slielem, *electrical fittings* – L-attrici tghid li dawn jistghu jinzammu mill-konvenut;

k) <u>Vetturi</u>:

a. Van Maruti bin-numru ta' registrazzjoni BBE-851;
b. Peugot 106 bin-numru ta' registrazzjoni GAL-923;

L-attrici xehdet ukoll illi hemm polza ta' l-assikurazzjoni fuq il-hajja mas-*Sunlife Assurance Company of Canada*. Mid-dokument esebit a fol. 191 tal-process jirrizulta illi din hija fuq il-hajja tal-konvenut. Din il-polza inharget fis-26 ta' Jannar, 1980 fuq isem il-konvenut.

Illi ghad hemm xi dejn pendenti ma' omm l-attrici, Marise Anastasio. Skond id-dokument a fol. 192 tal-process hemm dejn fl-ammont ta' elfejn u seba` u disghin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm2,097.71) (sat-

23 ta' Awissu, 2001), liema *dejn ossia* self inghata fuq il-polza ta' l-assikurazzjoni fuq il-hajja tal-konvenut.

Illi dwar l-access, l-attrici tipproponi illi l-konvenut ghandu jkollu access ghal minuri darba kull nhar ta' Sibt, u darba kull nhar ta' Hadd – b'mod alternattiv, mill-10.00a.m. sal-5.00p.m. u darba fost il-gimgha mill-5.00p.m. sat-8.00p.m.

Illi l-attrici tixtieq li hija tkun tista` ssiefer barra minn Malta mal-minuri ghal btala u dan *stante* li l-istess minuri ghandhom xi familjari taghhom jghixu barra minn Malta.

Il-konvenut minn naha tieghu jghid illi huwa ghandu jkollu access frekwenti ghall-minuri izda jaqbel li l-access ghandu jkun marbut ma' granet u hinijiet fissi.

**(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi kif diga` nghad u kif anke gie ivverbalizzat quddiem din il-Qorti fil-verbal tat-8 ta' Ottubru, 2002 id-Difensuri tal-partijiet infurmaw lill-Qorti li fuq il-kustodja tat-tfal hemm qbil bejn il-partijiet, u li d-Difensuri kienu qablu li jillimitaw il-provi taghhom fuq il-manteniment u fuq id-dar matrimonjali.

Illi fil-verbal ta' din il-Qorti, datat 29 ta' Jannar, 2003 id-Difensuri tal-partijiet kienu qablu illi z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. Kien sar qbil ukoll illi manteniment ghall-partijiet ma kienx qed jintalab *stante* li t-tnejn qed jahdmu bi qliegh, kif ukoll li l-partijiet ma kenux qed jippretendu eredita` ta' xulxin.

Illi fl-imsemmi verbal tad-29 ta' Jannar, 2003 kien hemm qbil illi l-kura u kustodja tal-minuri, Paul u Katy, ahwa Vella tinghata lill-attrici salv dritt ta' access lill-konvenut.

Illi din il-Qorti fl-imsemmi verbal kienet innutat li l-partijiet jinsabu vicin u ghandhom jilhqu ftehim dwar l-access u li kull ma ghandu jigi deciz huwa biss l-qsim tal-komunjoni u manteniment ta' l-ulied.

Illi dwar il-kawza tal-firda, jinghad illi fil-verbal ta’ din il-Qorti datat 29 ta’ Jannar, 2003 id-Difensuri tal-partijiet kienu qablu illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment. Din il-Qorti hija fid-dover li tara jekk mill-provi prodotti, ghalkemm dawn kienu limitati ghall-kwistjoni tal-manteniment u tad-dar matrimonjali, iz-zwieg tal-kontendenti tkissirx irrimedjabbilment u dan il-Qorti necessarjament kostretta li taghmlu minhabba li l-kawza ta’ separazzjoni ghada pendenti minkejja l-fatt li din il-Qorti thoss li b’naqra attenzjoni u b’nuqqas sew ta’ pika l-partijiet facilment setghu waslu ghall-separazzjoni konsenswali. Dan ma kellux ikun ghaliex il-pika rebhet fuq kollox.

Illi hija l-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti, jirrizulta mill-provi li dan iz-zwieg odjern verament tkisser irrimedjabbilment u kawza ta’ dan kien l-agir tal-konvenut u dan ghal zewg ragunijiet li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti gew sostanzjalment ippruvati mill-atti proceswali u provi prodotti.

Illi fl-ewwel lok jirizulta li l-konvenut kien hati *verso* l-attrici ta’ l-eccessi u ta’ sevizzi, u fit-tieni lok kien hati wkoll ta’ ngurji gravi. Dan l-ahhar binarju huwa sekondarju ghaliex l-ingurji gravi saru waqt li kienu ghaddejjin dawn il-proceduri. Dwar dan jinghad biss illi l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu u f’diversi rikorsi u/jew risposti li pprezenta dejjem allega li l-attrici ghandha xi relazzjoni *extra matrimonjali,* pero’, minkejja dan, huwa ma gabx l-icken prova. Qieghed jinghad hekk ghaliex il-partijiet kienu qablu fil-verbal tad-29 ta’ Jannar, 2003, li z-zwieg taghhom tkisser irrimeddjabbilment, pero’ minkejja din id-dikjarazzjoni, l-konvenut xorta hass il-htiega li jingurja lill-attrici fl-atti li gew ipprezentati quddiem din il-Qorti. Dan anke jekk kien hemm qbil bejn il-partijiet li l-provi kellhom jikkoncernaw biss il-manteniment dovut lill-minuri u fir-rigward tad-dar matrimonjali.  Din il-Qorti thoss li l-konvenut ma setax jitfa` din l-akkuza fil-konfront ta’ martu minghajr ma jipprova jissostanzjaha imqar bl-icken prova.

Illi din il-Qorti tirrileva illi *"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-*

*kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom". Fil-hsieb konsiderat tal-Qorti, certament l-ingurja lancjata mill-konvenut lill-attrici li hija ghandha wicc bniedem iehor innominat, imma dezinjabbli indirettament ... jikkostitwixxi ngurji ta' certa gravita` li jweggha l-qalb u jirrendi l-konvivenza komuni difficli"* – ("**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Gunju 1961).

Illi huwa assodat fil-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati illi meta wiehed mill-konjugi jakkuza, jallega, jew jaddebita relazzjonijiet extra-maritali, *una volta* mbaghad dawn ma jigux provati lanqas permezz ta' xi ndizji precizi u konkordanti, dan jikkostitwixxi ngurja gravi, li anke wahedha taghti lok ghas-separazzjoni (**"Sarah Formosa vs Harry Formosa"**, (Appell Civili, 6 ta' Gunju 1969); **"Dr. Victor Randon vs Josephine Randon"**, (Appell Civili, 19 ta' Novembru 1976); "**Doris Mizzi vs Mario Mizzi"**, (Appell, 19 ta' Mejju 2000);

Illi hemm, imbaghad, bhala aggravament ta' din l-ingurja l-fatt li r-ragel jirrepeti din l-allegazzjoni fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu jew f'nota ta' l-osservazzjonijiet bhala mezz difensjonali, (**"Carmela Falzon vs Paolo Falzon"**, Appell Civili, 17 ta' Jannar 1959);

Illi apparti dan jirrizulta wkoll mill-provi prodotti u anke mill-attagjament tal-konvenut fil-konfront ta' martu l-attrici w uliedhom, li ma' jhallu l-ebda dubju f'mohh din il-Qorti, li l-istess konvenut kien xhieh ma' l-attrici u ma' uliedu. Waqt l-andament tal-proceduri l-attrici pprezentat diversi rikorsi (ghalkemm b'mod esagerat ukoll) sabiex il-konvenut jigi ordnat ihallas, daqqa l-manteniment u daqqa l-mizati u l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri u dan kollha in segwitu ghad-digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Dawn ir-rikorsi u r-rikjesti ripetuti *da parte* ta' l-attrici sabiex l-istess konvenut jaderixxi ruhhu ma' l-istess digrieti minnhom infushom huma prova tax-xehha li l-konvenut kellu fil-konfront ta' l-attrici w uliedhom.

Illi din il-Qorti tirrileva illi x-xehha tirrientra fost il-motiv ta' l-eccessi jew tas-sevizji. Fil-fatt, il-gurisprudenza antika taghna tghid illi "*L'avarizia, quando e` portata agli eccessi,*

*puo` essere cagione di continue ed incessanti molestia e sevizie ...*" (**Vol. IX p 418; Vol. XXVIII P II p 441; Vol. XLVIII P I p 353**);

Illi ghalhekk jirrizulta illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi deciz dan il-punt, dwar jekk iz-zwieg tkissirx irrimedjabbilment, jew le, f'dan l-istadju l-Qorti sejra tiddeciedi dwar l-access li ghandu jkollu l-konvenut ghall-minuri, Paul u Katy, ahwa Vella, u dan peress illi kif diga` nghad – bi qbil bejn il-partijiet – il-kura u l-kustodja tal-minuri kellha tigi f'data f'idejn l-attrici. Dwar dan il-punt tal-kura u l-kustodja tal-minuri jinghad b'mod generali, illi ghalkemm il-partijiet ikunu jaqblu li tali kura u kustodja tkun f'idejn parti jew ohra (f'dan il-kaz f'idejn l-attrici), huwa xorta d-dover tal-Qorti, kif fil-fatt ghamlet din il-Qorti f'dan il-kaz, sabiex tara li mill-provi prodotti, mill-komportament tal-partijiet u mill-assjem shih tal-fattispecje tal-kaz ikunx fl-ahjar interess tal-minuri li tali qbil bejn il-partijiet jigi sanzjonat mill-Qorti. Illi hekk jidher li hu dan il-kaz u ma tirrizulta l-ebda prova kuntrarja ghaliex il-kura u l-kustodja tal-minuri, ahwa Vella, m'ghandhiex tinghata lill-attrici.

Illi l-konvenut jitlob li l-access tieghu ghall-minuri jkun wiehed frekwenti. L-attrici mill-banda l-ohra qeghda titlob li l-access tal-konvenut ghandu jkun darba kull nhar ta' Sibt, u darba kull nhar ta' Hadd – b'mod alternattiv, mill-10.00a.m. sal-5.00p.m. u darba fost il-gimgha mill-5.00p.m. sat-8.00p.m.

Illi din il-Qorti tara li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, il-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri kull nhar ta' Tlieta u nhar ta' Hamis bejn il-5.00p.m. u t-8.00p.m. b'dan illi huwa ghandu jigbor il-minuri mir-residenza ta' l-attrici jew minn kwalunkwe post iehor li dwaru jkun hemm qbil mill-partijiet u l-istess konvenut ghandu jirritorna lura lill-minuri fir-residenza ta' l-attrici jew fi kwalunkwe post iehor li dwaru jkun hemm qbil mill-partijiet.

In *oltre*, l-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri, ahwa Vella, ukoll darba s-Sibt mill-10.00a.m. sal-5.00p.m. u l-gimgha ta' wara, l-Hadd mill-10.00a.m. sal-5.00p.m. b'mod alternattiv, darba s-Sibt u darba l-Hadd.

Illi fil-Milied (2004), fl-Ewwel tas-Sena (2005) u fl-Ghid il-Kbir (2005), il-minuri ghandhom ikunu ma' l-attrici. Illi f'dawn il-granet il-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri bejn id-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) u nofsinhar (12.00p.m.). Illi fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Ghid il-Kbir sussegwenti l-minuri ghandhom ikunu mal-konvenut u l-attrici ghandha jkollha dritt ta' access ghalihom bejn id-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) u nofsinhar (12.00p.m.). Dan l-arrangament ghandu jibqa` jalterna ruhu kull sena sakemm il-minuri jaghlqu t-tmintax (18)-il sena jew sakemm ma jkunx hemm ordni kuntrarja mill-Qorti kompetenti.

Illli finalment dwar il-kura u l-kustodja u l-access dawn ghandhom ikunu ippratikati mill-partijiet rispettivi bl-eskluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-partijiet rispettivi b'dan li l-istess minuri ma ghandhiex tkun fil-prezenza ta' l-ebda persuna ma' min xi parti jew ohra ghandha jew jista' jkollha xi relazzjoni intima.

Illi l-istess ulied ghandhom jibqghu domiciljati Malta u ghandhom jghixu hawn Malta fejn il-genituri taghhom huma llum residenti u l-istess ulied ghandhom jinghataw l-opportunita' skond il-ligi li jkollhom cittadinanza doppja u tordna lill-partijiet sabiex jaghmlu dak kollu necessarju sabiex dan jsehh ma' l-Awtoritajiet kompetenti.

Illi jmiss issa x'jigi deciz il-manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-minuri, Paul u Katy, ahwa Vella u dan peress illi l-partijiet qablu li bhalissa manteniment ghall-partijiet mhux qed jintalab *stante* li t-tnejn qed jahdmu bi qliegh.

Illi din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Lea Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone"** deciza fit-2 ta' Ottubru, 2003

kienet bdiet biex ticcita l-**artikolu 3 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li jipprovdi illi:

*"Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja."*
Illi skond l-**artikolu 3B tal-Kap 16** hemm stipulat illi:

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*."

Illi skond l-**artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16** jinghad li:-

"*Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici*."

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi *verso* l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, anke skond l-**artikolu 2 tal-Kap 16** "*jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom*."

Illi certament li l-obbligi mnissla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 20** ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligi tal-genituri *verso* l-

istess ulied, specjalment ghall-manteniment ta’ l-istess fit-termini preskritti fl-**artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16**, li ghalhekk jinkludu kontribuzzjoni ghall-ikel, ilbies, sahha u abitazzjoni u spejjez mehtiega ghall-istess sahha u ghall-edukazzjoni taghhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati *ai termini* tas-**sub-artikoli** ta’ l-istess **artikolu 20**. Illi dan apparti l-obbligi tal-kontendenti li jmantnu lil xulxin skond id-dettami tal-ligi, u skond il-kalkoli hemm indikati.

Illi din il-Qorti taqbel ukoll mal-konsiderazzjoni li ghamlet din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fil-kawza fl-ismijiet **“Marthese Vella pro et noe vs George Vella”** deciza fit-28 ta’ Frar, 2003 fejn inghad illi *“l-fatt li l-mara ma tahdimx ma jfissirx li din ma ghandhiex il-potenzjal li tahdem u tiggenera introjtu”*. Inghad ukoll f’din l-istess sentenza illi *“t-tibdil legislattiv filwaqt li rrikonoxxa l-avvanz tal-mara gab mieghu wkoll responsabbilitajiet fuq il-mara mizzewga ferm aktar milli kellha qabel. Dawn ir-responsabbilitajiet huma riflessi wkoll anke fejn jirrigwarda l-manteniment. Li jfisser li hi wkoll trid terfa' bhal zewgha r-responsabbilita` ghal dak li jirrigwarda l-manteniment tal-familja”.* (Ara decizjoni fl-ismijiet **“Doris Tabone vs Carmelo Tabone”**, Appell, 15 ta' Dicembru 1997).
Illi din il-Qorti, tghid illi dan hu hekk in principju, pero’ jista` jkun li jkun hemm kazijiet fejn minhabba c-cirkostanzi tal-kaz, il-genitur li jkun afdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri ma jkunx jista` jahdem u dan minhabba li jkun irid jippresta l-attenzjoni u l-kura tieghu ghat-trobbija ta’ l-imsemmi minuri. Illi ghalhekk jekk tezisti raguni sufficjenti bhal din hawn appena msemmija, jista` jkun illi parti fiz-zwieg ikollha thallas il-manteniment lill-parti l-ohra ghal tul ta’ zmien.

Illi ghar-rigward ta’ l-obbligu tal-manteniment, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **“Anthony Licari vs Caroline Licari pro et noe”** deciza fis-6 ta’ April, 1992 qalet illi *“l-obbligu ta' l-attur li jmantni lil uliedu jigi qabel l-obbligu tal-konvenuta”.* Din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, dwar dan l-obbligu ta’ manteniment lill-minuri qalet *“Illi dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod ma’ l-impjieg jew ma’ l-introjtu tal-*

*missier izda huwa obbligu assolut”* (Ara **“Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja”** - Cit. Nru 154/94).

Illi s-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili fid-digriet moghti minnha fil-31 ta’ Jannar, 2002 kienet ordnat lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) fix-xahar lill-attrici bhala manteniment ghal uliedhom minuri, Paul u Katy, ahwa Vella. L-istess Onorabbli Qorti kienet ordnat ukoll illi dan l-ammont ta’ manteniment kellu jitnaqqas direttament mill-paga ta’ l-konvenut mill-*employer* tieghu u jithallas direttament l-attrici. *Inoltre*, l-konvenut gie ordnat ukoll ihallas ukoll nofs l-ispejjez ta’ l-edukazzjoni tal-minuri.

Illi jibda` biex jinghad illi l-pozizzjoni tal-konvenut illum ma ghadhiex kif kienet meta nghata dan id-digriet. Dakinhar il-konvenut kien jippercepixxi bejn wiehed u iehor l-ammont ta’ mija u erba` liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm104.85) fil-gimgha netti (Ara Dok. “CC6” NET WAGES Lm5452 / 52 weeks = Lm104.85c fil-gimgha) mill-impjieg fiss tieghu. Illum il-gurnata, skond ma gie ndikat lil din il-Qorti fir-rikorsipprezentat minnu fl-24 ta’ Frar, 2004, il-konvenut jippercepixxi l-ammont ta’ tlett mija u sitta u sittin lira Maltija u sitta u sebghin centezmu (Lm366.76) fix-xahar u cjoe` l-ammont ta’ erba` u tmenin lira Maltija u erba` u sittin centezmu (Lm84.64) fil-gimgha. (Lm366.76 x 12 months / 52 weeks = Lm84.64). Illi ghalhekk, il-konvenut illum-il gurnata qieghed jippercepixxi – bejn wiehed u iehor – ghoxrin lira Maltija (Lm20) fil-gimgha inqas milli kien jippercepixxi qabel mill-impjieg fiss tieghu. (Sottolinejar tal-Qorti).

Illi din il-Qorti pero’ ma ghandhiex dubju li mill-provi rrizulta li l-konvenut jaghmel xoghol iehor apparti dak li jaghmel fl-impjieg fis tieghu u dan qieghed jinghad ghaliex mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u anke mill-provi esebiti hekk jirrizulta. Il-Qorti ma tantx hija konvinta mill-argument imressaq mill-konvenut u cjoe` li persuna ghax tissepara ser tinbidlilha hajjitha daqs tant radikalment fir-rigward tax-xoghol u facendi tad-dar u dan ghaliex ix-xoghol li kienet taghmel qabel il-mara issa jkollu jaghmlu hu. Jirrizulta mill-

provi illi l-attrici kienet tahdem wara li kellha t-tfal, ghalkemm *part-time*, u ghalhekk jekk hija kienet taghmel xi xoghol fid-dar dan kien ikun wara nofsinhar. Il-Qorti ma tantx hija konvinta bl-argument migjub mill-konvenut illi huwa ser jkollu joqghod jaghmel il-facendi d-dar u jiehu hsieb l-affarijiet l-ohra bhal tisjir etc. Dawn affarijiet li jistghu isiru jekk ikun hemm amministrazzjoni tajba tal-hin. It-tindif tad-dar ma jsirx kuljum, ghalkemm tisjir isir kuljum. Ix-xirja li wiehed jew wahda taghmel ma ssirx kuljum, ghalkemm hawn minn jaghmel hekk darba fil-gimgha.

Illi l-Qorti hija konvinta illi l-konvenut ghandu l-kapacita` li jahdem u li jaqla` izjed flus minn dak li qieghed jippercepixxi attwalment u fl-opinjoni taghha dan mhux qed jaghmlu anke bhala tattika ghall-pozizzjoni konsistenti li huwa ha f'din il-kawza, fejn jidher li holoq diversi diffikultajiet sabiex ma jonorax id-digrieti ta' din il-Qorti u tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex ma jhallasx il-manteniment hekk minnu ordnat *pendente lite.*

Illi ghalhekk fl-isfond ta' dan kollu hija thossha li tkun moralment u legalment gustifikata li ma tirriducix l-ammont ta' manteniment pagabbli lil Paul u Katy, ahwa Vella, ordnat mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili permezz ta' digriet moghti fil-31 ta' Jannar, 2002 u dan ghaliex ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-konvenut m'ghandux ihallas dan l-ammont – tenut kont ta' l-introjtu attwali tieghu u tal-potenzjal tieghu ghal introjtu ikbar, kif jidher li dejjem kellu meta huwa ghazel qabel il-kawza li jahdem skond is-sengha tieghu. Jigi rrilevat li fl-ebda stadju l-konvenut ma' ta' rendikont tax-xoghol *part-time* li kien jaghmel. Apparti dan wiehed irid jikkonsidra li z-zewg partijiet, apparti l-introjtu taghhom ser jippercepixxu somma, li ma hijiex indikata mill-bejgh tad-dar matrimonjali u allura certament li mezzi inkluz introjtu sabiex il-konvenut jmantni lil uliedum certament li ghandu.

Illi l-istess haga tinghad ukoll fir-rigward ta' l-edukazzjoni tal-minuri. Il-konvenut dejjem isostni, almenu fir-rikorsi minnu pprezentati, kif ukoll fl-affidavit tieghu illi huwa qatt ma gie kkonsultat mill-attrici dwar liema skola ghandhom jintbaghtu l-minuri sabiex jkomplu bl-edukazzjoni

taghhom. Illi l-attrici tghid fir-rikors minnha ipprezentat fl-20 ta' Jannar, 2003, liema rikors gie guramentat illi "*Joseph Vella u Charmaine Vella iddiskutew il-kwistjoni ta' liema skola ghandha tibda` tiffrekwenta l-minuri, Katy, u ntghazlet l-iskola St. Michael School bi ftehim bejn iz-zewg partijiet. Tant hu hekk illi Joseph Vella mar flimkien ma' Charmaine Vella f'din l-iskola w kellem lill-Headmistress. Kien konsapevoli ukoll bl-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) illi kellu jithallas bhala down payment ghal din l-iskola u li kellha tithallas is-somma ta' mitejn u hames liri Maltin (Lm205) kull term skolastiku u li din il-fee tizdied kull sena. Fil-fatt, Joseph Vella flimkien ma' Charmaine Vella akkompanja lill-minuri, Katy, ghall-ewwel gurnata ta' l-iskola taghha. Il-konvenut kien jaf ukoll illi kien hemm it-transport x'jigi imhallas ghall-iskola u fil-fatt kien ftehem ma' tat-transport biex spjegalhom minn fejn ghandhom jigbru l-minuri ghall-iskola hu stess*" (Ara fol. 247B tal-process).

Illi l-konvenut, fir-risposta tieghu pprezentata fl-4 ta' Frar, 2003 (a fol. 247Z et seq. tal-process) jghid illi "*L-ammont pretiz pero m'hemmx qbil fuqu u dan peress li kienet ir-rikorrenti, Charmaine Vella, wehidha li ddecidiet li tirregistra lill-ulied fi skola privata minghajr ma ndenjat ruhha tkellem lill-esponenti dwar dan qabel hadet id-decizjoni*" u "*l-esponent qatt ma ta' l-kunsens tieghu bhala missier li uliedu jmorru f'wahda minn l-aktar skejjel "expensive" li jezistu*".

Illi l-konvenut finalment, fl-imsemmija risposta tieghu jghid illi "*l-esponent ghandu kull intenzjoni li wliedu jiehdu l-aqwa edukazzjoni, pero` r-rikorrenti (l-attrici) ma tistax tippretendi li taghmel fattiha u wara ddur fuq l-esponent biex huwa jaghmel tajjeb ghal dak li dwaru tkun iddecidiet hija wahidha*".

Illi din il-Qorti tinnota li pero' l-konvenut fl-ebda istanza ma qatt jichad l-allegazzjoni guramentata ta' l-attrici illi huwa kien kellem lill-*headmistress* ta' l-iskola, jew li huwa kien ftiehem mal-persuna responsabbli ghat-trasport sabiex jigi assigurat il-post minn fejn kellha tingabar bintu, Katy, jew li huwa kien mar ma' l-attrici sabiex iwasslu lil binthom

Katy ghall-ewwel gurnata ta' skola taghha fis-St. Michael School. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tistax taghti affidament ghal dak li allega l-konvenut fir-risposta tieghu almenu fejn ghandha x'taqsam l-edukazzjoni ta' bint il-kontendenti, Katy. Mill-provi prodotti ma jidhirx illi l-attrici nfurmat lill-konvenut illi hija ukoll kienet ser tibghat lil binhom minuri, Paul, f'din l-iskola ukoll u dan peress illi Paul huwa izghar minn Katy u ma dahlux f'din l-iskola fl-istess perjodu. Illi pero' din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha ssir xi distinzjoni bejn il-minuri fir-rigward ta' l-edukazzjoni taghhom u hija tal-fehma illi kif il-genituri – kontendenti odjerni – kienu qablu li jibghatu lil binthom minuri Katy fi skola privata, hekk ukoll kienu ser jaghmlu meta kien jasal il-waqt li jmur fi skola privata binhom, Paul.

Illi ghalhekk, *in vista* ta' dan kollu, l-kontendenti ghandhom jibqghu jhallsu b'mod ugwali ghall-edukazzjoni tal-minuri, Katy u Paul, ahwa Vella.

Illi ghalhekk, kif diga` nghad, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, din il-Qorti thoss li l-manteniment attwali degretat mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghandu jibqa' applikabbli b'dan li l-istess manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament mill-*employer* lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut. Hekk ukoll ghandu jigri fir-rigward ta' sehem l-ispejjez edukattivi tal-minuri, b'dan li tali spejjez ghandhom jithallsu mill-konvenut fi zmien ghaxart ijiem min-notifika lilu ta' tali spejjez permezz ta' ittra legali u fin-nuqqas l-istess ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga ta' l-istess konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat lill-attrici. Illi ghalhekk l-attrici ghandha tinnotifika lill-*employer* tal-konvenut sabiex jaderixxi ruhhu mal-premess. Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li l-istess konvenut ghandu jhallas ukoll l-ispejjez indikati fir-rikors taghha tal-11 ta' Mejju 2004.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti, din il-Qorti tiddikjara x-xoljiment taghha b'effett mid-data ta' din is-sentenza u fin-

nuqqas tal-partijiet li jipprovdu pjan ta’ qasma, din il-Qorti sejra tghaddi ghad-divizjoni ta’ l-istess *arbitro boni viri.*

Illi fir-rigward tad-dar matrimonjali, din tirrizulta illi inbieghet u skond ftehim bejn il-partijiet, ir-rikavat ta’ l-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan pero’ li din il-Qorti tordna li mir-rikavat, l-attrici ghandha l-ewwel tithallas kull arretratti ta’ manteniment *pendente lite* dovuti mill-konvenut sa’ dakinhar tal-hlas tal-prezz ta’ l-istess immobbli, u li jkunu ghadhom mhux imhallsa mill-konvenut.

Illi pero’, *in vista* tal-bejgh tad-dar matrimonjali, din il-Qorti tastejni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba ta’ l-attrici. Hekk ukoll fir-rigward tal-garaxx li kien moghti lill-kontendenti b’titolu ta’ kera, u dan peress illi dan il-garaxx inghata lura lis-sidien tieghu.

Illi fir-rigward tal-proprjeta mobbli u li ssemmiet mill-attrici, l-Qorti qeghda tiddeciedi illi s-segwenti oggetti, jekk ghadhom jezistu, jigu assenjati lill-attrici. Dawn huma id-*duvets*, il-lozor, ix-xugamani, l-*wall pictures*, xi ornamenti, l-oggetti tal-fidda li nghataw lill-attrici minn meta kienet ghadha zghira, l-*hoover*, l-affarijiet tal-kcina, ir-*radio cassette* l-kbir, iz-zewg *wrought iron flower stands*, iz-zewg suffanijiet tal-gilda, l-purtieri u l-*cushions* tad-dar, il-*microwave*, il-mejda tat-telefon u l-mera, l-*marble coffee table,* s-*silver dressing table mirror*, il-*christmas tree* u d-dekorazzjonijiet relattivi ghal din l-istess *christmas tree*, is-*Silver teapot*, ix-*sugar bowl*, il-*milk jug*, il-*frame* il-kbir (*wedding photo frame*), erba’ *frames* tal-fidda zghar, zewg skieken tal-fidda zghar, sikkina tal-fidda li tintuza ghall-*cakes*, l-arlogg l-kbir tal-fidda u l-barometru, l-arlogg tal-fidda zghir, xi platti ornamentali, *dinner set* komplut, id-*dishwasher*, l-*electric heater*, tlett fannijiet, *second hand bedroom (double),* il-purtiera tal-kcina u r-*rail* u tlett ritratti tal-hajt. Ghandha tigi assenjata ukoll lill-attrici il-vettura tat-tip Peugot 106 bin-numru ta’ registrazzjoni GAL-923. Dwar il-kontijiet bankarji f’isem l-attrici, kemm lokali kif ukoll esteri, l-attrici ghandha tibqa` zzomm l-ammonti kollha li hemm.

Illi l-oggetti appartenenti lill-minuri, ahwa Vella, u li huma juzaw ghandhom jinghataw lill-attrici, ghan-nom ta' l-imsemmija minuri. Fost dawn l-oggetti hemm kamra tas-sodda taghhom kompluta, *television* zghir u *playstation*. Fir-rigward tal-kontijiet bankarji li hemm fuq isem l-attrici li pero` huma ndikati bl-ismijiet tal-minuri u cjoe` l-kontijiet bankarji numri 11807057054 (a/c Paul) u 11807057041 (a/c Katy) mizmuma mal-Bank of Valletta plc dawn ghandhom jibqghu jigu amministrati mill-attrici u jinghataw lill-minuri malli dawn jaghlqu t-tmintax-il sena, sakemm ma tinqalax il-htiega li l-istess minuri jkollhom bzonn dawn il-flejjes ghall-bzonnijiet taghhom.

Il-konvenut ghandu jigi assenjat il-kumplament ta' l-affarijiet mobbli li huma fil-pussess tieghu u li ma humiex elenkati hawn fuq. Il-konvenut qieghed jigi assenjat ukoll zewg *air-conditioning units*, l-oggetti kollha li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol tal-konvenut bhal ghodda, materjal, slielem, *electrical fittings*, il-*wall unit*, set tat-televizjoni kbir, sistema tal-muzika u *video*, l-*washing machine*, l-*freezer*, il-*fridge*, l-mejda tal-kcina u s-siggijiet, il-*coffee machine*, l-*bread* slicer, l-istampi bil-*frames* ir-roza, x-*shopping trolley*, il-*picnic cooler*, l-oggetti hekk imsejha *china ornaments* u l-oggetti tal-Kristall u l-vettura *ossia* van Maruti bin-numru ta' registrazzjoni BBE-851. Dwar il-kontijiet bankarji li huma fuq isem il-konvenut, dawn ghandhom jigu assenjati lilu bl-ammonti kollha li hemm.

Illi dwar il-polza ta' l-assikurazzjoni fuq il-hajja mas-*Sunlife Assurance Company of Canada* jirrizulta ampjament mid-dokument esebit a fol. 191 tal-process, illi din iharget fuq il-konvenut meta dan kien ghadu guvni. Illi l-uniku pretensjoni li l-attrici seta` kellha fuq din il-polza kienet ghal nofs il-pagamenti li saru mill-komunjoni ta' l-akkwisti mis-27 ta' Lulju, 1991 sad-data ta' din is-sentenza, meta qeghda effettivament tigi terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti. Illi pero' din il-Qorti thoss illi *stante* l-assenjazzjoni li qeghda tordna din il-Qorti fir-rigward ta' l-attrici, l-istess konvenut ma ghandux jaghmel tajjeb ghal dan is-sehem spettanti lill-attrici u konsegwentement qeghda tassenja din l-istess polza fl-intier taghha lill-

konvenut minghajr ma huwa ghandu jaghti l-ebda kumpens ghaliha lill-attrici.

Illi fir-rigward tal-kamra li hemm f'Had-Dingli l-allegazzjoni tal-konvenut li din l-istess kamra ilha mikrija lill-familja tieghu minn zmien in-nanniet ma gietx ikkontestata mill-attrici u konsegwentement il-Qorti tiddikjara li l-attrici ma ghandhiex dritt ghal din l-istess kamra u kull dritt lokatizzju li jista jkollha l-attrici fiha qieghed jigi assenjat lill-konvenut.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk din il-Qorti ghal dawn il-motivi qeghda **taqta' u tiddeciedi** din il-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompattibbli ma' dak hawn deciz, **u filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra kollha** pero' dan biss fis-sens hawn premess, u dan billi:-

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti billi tiddikjara li l-konvenut huwa hati ta' l-istess firda personali minhabba ingurji gravi u xehha tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici, liema xehha tammonta ghal sevvizji u eccessi lejn l-istess attrici u ghalhekk tiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-istess firda personali b'dan illi minhabba dan, iz-zwieg tal-kontendenti tkisser irrimedjabbilment,

2. Tilqa' t-tieni talba limitatament ghall manteniment fir-rigward tal-minuri, Katy u Paul, ahwa Vella, b'dan illi l-Qorti qeghda tikkundanna lill-konvenut u tordnalu sabiex jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri, ahwa Vella, s-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltin (Lm220) fix-xahar pagabbli bil-quddiem, liema ammont ta' manteniment ghandu jizdied skond l-indici ta' l-gholi tal-hajja, f'kull perjodu ta' tliet (3) snin, b'effett mid-data ta' din is-sentenza u tordna ukoll li l-istess manteniment ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament mill-*employer* lill-attrici fir-

residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja formali ta' din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut.

Illi din il-Qorti tordna wkoll li l-istess konvenut ghandu jhallas nofs l-ispejjez kollha ta' edukazzjoni ta' l-istess minuri bil-mod kif attwalment jinsab illum ordnat, b'dan li l-attrici ghandha tipprovdi ghall-hlas tan-nofs l-iehor ta' l-ispejjez ta' l-edukazzjoni b'dan li tali spejjez ghandhom jithallsu mill-konvenut fi zmien ghaxart ijiem minn notifika lilu ta' tali tali spejjez, permezz ta' ittra legali u fin-nuqqas *da parte* tal-konvenut, l-istess ammont ghandu jinqata' direttament mill-paga ta' l-istess konvenut mill-*employer* tieghu u jinbaghat lill-attrici.

Illi fir-rigward tal-kumplament tat-talba u senjatament fejn l-attrici talbet illi din il-Qorti tiffissa retta alimentari ghaliha, l-istess Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba u dan *stante* dak li gie verbalizzat mill-istess kontendenti fid-29 ta' Jannar, 2003 u dan peress li l-istess attrici jirrizulta li ghandha ntrojtu, izda d-dritt taghha jibqa' applikabbli skond il-ligi. Fil-konfront tal-konvenut qed jigu applikati d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16** *in toto.*

3. Tilqa t-tielet talba attrici u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

Illi fl-istess waqt tipprovdi ghad-divizjoni u assenjazzjoni ta' l-istess b'dan ghalhekk li mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti l-attrici qed tigi assenjata bhala sehemha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, nofs ir-rikavat mill-bejgh tad-dar matrimonjali li l-partijiet iffirmaw konvenju dwarha fil-mori tal-kawza l-partijiet. L-affarijiet mobbli li huma fil-pussess taghha u li ma humiex elenkati hawn, id-*duvets*, il-lozor, ix-xugamani, l-*wall pictures*, xi ornamenti, l-oggetti tal-fidda li nghataw lill-attrici minn meta kienet ghadha zghira, l-*hoover*, l-affarijiet tal-kcina, ir-*radio cassette* l-kbir, iz-zewg *wrought iron flower stands*, iz-zewg suffanijiet tal-gilda, l-purtieri u l-*cushions* tad-dar, l-*microwave*, il-mejda tat-telefon u l-mera, l-*marble coffee table*, is-*silver dressing table mirror*, il-*christmas tree* u d-dekorazzjonijiet

relattivi ghal din l-istess *christmas tree*, is-*silver teapot*, ix-*sugar bowl*, il-*milk jug*, il-*frame* il-kbir *(wedding photo frame),* erba' *frames* tal-fidda zghar, zewg skieken tal-fidda zghar, sikkina tal-fidda li tintuza ghall-*cakes*, l-arlogg il-kbir tal-fidda u l-barometru, l-arlogg tal-fidda zghir, xi platti ornamentali, *dinner set* komplut, id-*dishwasher,* l-*electric heater*, tlett fannijiet, *second hand bedroom (double)*, il-purtiera tal-kcina u r-*rail* u tlett ritratti tal-hajt.

Illi ghandha tigi assenjata ukoll lill-attrici il-vettura tat-tip Peugot 106 bin-numru ta' registrazzjoni GAL-923. Dwar il-kontijiet bankarji f'isem l-attrici (apparti dawk li ser jigu ndikati ghall-minuri), kemm lokali kif ukoll esteri, l-attrici ghandha tibqa` zzomm l-ammonti kollha li hemm.

Illi l-oggetti appartenenti lill-minuri, ahwa Vella, u li huma juzaw ghandhom jinghataw lill-attrici ghan-nom ta' l-imsemmija minuri. Fost dawn l-oggetti hemm kamra tas-sodda taghhom kompluta, *television* zghir u *playstation*.

Illi fir-rigward tal-kontijiet bankarji li hemm fuq isem l-attrici li pero' huma indikati bl-ismijiet tal-minuri u cjoe` l-kontijiet bankarji numri 11807057054 (a/c Paul) u 11807057041 (a/c Katy) mizmuma mal-Bank of Valletta plc dawn ghandhom jibqghu jigu amministrati mill-attrici u jinghataw lill-minuri malli dawn jaghlqu t-tmintax-il sena, sakemm ma tinqalax il-htiega li l-istess minuri jkollhom bzonn dawn il-flejjes ghall-bzonnijiet taghhom.

Illi minn naha l-ohra l-konvenut qed jigi assenjat bhala sehemu mill-komunjoni ta' l-akkwisti, nofs ir-rikavat mill-bejgh tad-dar matrimonjali li l-partijiet iffirmaw konvenju dwarha fil-mori tal-kawza, b'dan pero' li l-ewwel l-attrici ghandha tithallas, jekk tkun ghada ma' thallsitx, l-arretrati kollha ta' manteniment u l-ispejjez ta' l-edukazzjoni li l-istess konvenut huwa obbigat ihallas skond id-digrieti *pendente lite* tal-Qorti, inkluzi l-ispejjez indikati fir-rikors ta' l-attrici datat tal-11 ta' Mejju 2004, l-affarijiet mobbli li huma fil-pussess tieghu u li ma humiex elenkati f'din id-decizjoni, u l-mobbli hawn indikati konsistenti f'zewg *air-conditioning units*, l-oggetti kollha li ghandhom x'jaqsmu max-xoghol tal-konvenut bhal ghodda, materjal, slielem,

*electrical fittings*, il-*wall unit*, set tat-televizjoni kbir, sistema tal-muzika u *video*, l-*washing machine*, il-*freezer*, il-*fridge*, il-mejda tal-kcina u s-siggijiet, il-*coffee machine*, il-*bread slicer*, l-istampi bil-*frames* ir-roza, ix-*shopping trolley*, il-*picnic cooler*, l-oggetti hekk imsejha *china ornaments* u l-oggetti tal-Kristall u l-vettura, *ossia* van Maruti bin-numru ta' registrazzjoni BBE-851. Dwar il-kontijiet bankarji li huma fuq isem il-konvenut. Dawn ghandhom jigu assenjati lilu bl-ammonti kollha li hemm.

Illi dwar il-polza ta' l-assikurazzjoni fuq il-hajja mas-*Sunlife Assurance Company of Canada* din qed tigi assenjata lill-konvenut minghajr ma huwa ghandu jaghti l-ebda kumpens ghaliha lill-attrici.

Illi fir-rigward tal-kamra li hemm f'Had-Dingli din il-Qorti tiddikjara li l-attrici ma ghandhiex dritt ghal din l-istess kamra fis-sens li din il-lokazzjoni qed tigi assenjata lill-konvenut u ghalhekk kull dritt lokatizzju li jista jkollha l-attrici fiha qieghed jigi assenjat lill-konvenut.

4. Tilqa r-raba' talba attrici b'dan li tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16** *in toto,* filwaqt li tapplika kontra l-attrici d-dispozizzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (a) tal-Kap 16.**

5. Tilqa' l-hames talba u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri, Katy u Paul, ahwa Vella lill-attrici b'dan illi qed taghti dritt ta' access lill-konvenut ghall-imsemmija minuri skond is-segwenti:-

a) kull nhar ta' Tlieta bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00p.m.) u t-tmienja ta' filghaxija (8.00p.m.);

b) kull nhar ta' Hamis bejn il-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00p.m.) u t-tmienja ta' filghaxija (8.00p.m.);

c) Fil-*weekend*, b'mod alternattiv u cjoe` darba s-Sibt u l-weekend ta' wara darba l-Hadd mill-ghaxra ta' filghodu (10.00a.m.) sal-hamsa ta' filghaxija (5.00p.m.).

Illi l-konvenut ghandu jigbor il-minuri mir-residenza ta' l-attrici jew minn kwalunkwe post iehor li dwaru jkun hemm qbil mill-partijiet u l-istess konvenut ghandu jirritorna lura lill-minuri fir-residenza ta' l-attrici jew fi kwalunkwe post iehor li dwaru jkun hemm qbil mill-partijiet.

Illi fil-Milied (2004), fl-Ewwel tas-Sena (2005) u fl-Ghid il-Kbir (2005), il-minuri ghandhom ikunu ma' l-attrici. Illi f'dawn il-granet il-konvenut ghandu jkollu access ghall-minuri bejn id-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) u nofsinhar (12.00p.m.). Illi fil-Milied, fl-Ewwel tas-Sena u fl-Ghid il-Kbir sussegwenti l-minuri ghandhom ikunu mal-konvenut u l-attrici ghandha jkollha dritt ta' access ghalihom bejn id-disgha ta' filghodu (9.00a.m.) u nofsinhar (12.00p.m.). Dan l-arrangament ghandu jibqa` jalterna ruhu kull sena sakemm il-minuri jaghlqu t-tmintax (18)-il sena jew sakemm ma jkunx hemm ordni kuntrarja minn xi Qorti ohra.

Illli finalment dwar il-kura u l-kustodja u l-access dawn ghandhom ikunu ppratikati mill-partijiet rispettivi bl-eskluzjoni ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex parti mill-familja tal-partijiet rispettivi b'dan li l-istess minuri ma ghandhomx ikunu fil-prezenza ta' l-ebda persuna ma' min xi parti jew ohra ghandha jew jista' jkollha xi relazzjoni intima.

Illi din il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghar-rikors ipprezentat mill-attrici fit-12 ta' Awissu, 2003 u li permezz tieghu hija talbet lil din il-Qorti sabiex tordna lill-konvenut jiffirma l-karti necessarji sabiex tigi regolarizzata is-sitwazzjoni tal-minuri u b'hekk jinghataw *dual citizenship*, salv provvedimenti ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma sewwa u xierqa. Illi din il-Qorti rat ukoll rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-1 ta' Settembru, 2003 u li permezz taghha talab lil din il-Qorti sabiex hija tichad it-talba attrici. Illi din il-Qorti taqta` u tiddeciedi dan ir-rikors billi tawtorizza lill-attrici sabiex taghmel dak kollu necessarju halli tigi regolarizzata il-pozizzjoni legali tal-minuri halli dawn jkunu jistghu jinghataw ic-cittadinanza Maltija, b'dan illi din il-Qorti, u dan fl-interess suprem tal-minuri tordna illi r-residenza u d-domicilju ta' l-imsemmija

minuri ghandha tkun f'Malta u dan sakemm jaghlqu t-tmintax (18)-il sena kollox kif ukoll provdut aktar 'il fuq.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba u dan *stante* li d-dar konjugali hemm konvenju fuqha ma' terzi li sar fil-mori tal-kawza.

7. Tilqa` s-seba' talba u tawtorizza lill-attrici tibda` tuza kunjom xbubitha u cjoe` 'Stephens'.

Bl-ispejjez jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenut.

Illi b'dan ukoll li peress li din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn, u abbuzaw bil-proceduri quddiem din il-Qorti, inkluz fl-ammont esagerat ta' dokumenti li gew esebiti w rikorsi *pendenti lite* pprezentati, tant li dan il-process fih sew 'il fuq minn erba` mitt (400) pagna, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna li l-attrici thallas is-somma ta' mija u hamsin lira Maltija (Lm150) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------